**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U GĦOXRIN**

**25 ta' ĠUNJU, 2014**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia, il-Viċi Sindku Rita Grima u Kunsilliera s-Sinjura Rita Bellizzi, s-Sur Joseph D'Amato, Dr Claudio Zammit, s-Sur Dino Bonnici, Pierre Farrugia, s-Sur Raymond Grixti, s-Sur Kevin Sam Farrugia u s-Sur David Abdilla.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier is-Sur Vincent Marmara avża li ma setgħax jattendi minħabba li jinsab imsiefer. **Dok 1**.
Is-Sur Ayrton Farrugia – Ambaxxatur tal-Vot 16 għal-lokalita'.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Is-Sindku Ignatius Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**27.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

27.1.1 Fir-rigward ta' punt 26.4.7 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li residenta fi Triq Bronja ma aċċettatx li l-Kunsill Lokali jwaħħal mera tat-traffiku quddiem ir-residenza tagħha.
Kien hemm qbil li ġaladarba din id-darba l-Kunsill staqsa għall-aċċettazzjoni tat-tali mera, il-Kunsill jimxi max-xewqa tar-resident u tali mera ma ssirx.

27.1.2 Fir-rigward ta' punt 26.12.2 kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv terġa tibgħat reminder għat-talba tal-Kunsill lill-ELC.

27.1.3 Il-minuti ta' seduta 26 ġew approvati.

**27.2** ***Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Bubaqra***

27.2.1 Il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numru 48 ġew approvati.

**27.3** **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sotto Kumitati – tal-Anzjani u Żgħażagħ u Edukazzjoni u Anzjani**

27.3.1 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li jinxtraw bronja u żewġ manikkini għall-mitħna tax-Xarolla. Kien hemm qbil fuq dan.

Kien hemm qbil ukoll mal-ideja li jsir kalendarju fuq iż-Żurrieq li jinvolvi ukoll pittura ta' Mattia Preti.

27.3.2 Is-Sindku faħħar l-abbilita' tal-Kunsillier Joseph D'Amato għax permezz tal-ħidma tiegħu t-turiżmu fiż-Żurrieq żdied bil-bosta. Hu żied jgħid li l-Kunsillier Joseph D'Amato irnexxielu jagħmel kuntatti ma aġenziji biex iġib turisti fil-Mitħna tax-Xarolla u fiż-Żurrieq, minflok li turisti jmorru biss f'Wied iż-Żurrieq.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li f'Mejju 2014, il-Mitħna żaruha 1,200 turist u dan l-ammont qed ikompli jiżdied fix-xhur tas-sajf. Il-Kunsillier D'Amato qal li issa li l-Mitħna tinsab mimlija bl-għamara u wirjiet ta' arti, t-turist qed ikollu aktar x'jara.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li bħalissa l-Kunsill għandu ħames persuni li qed jgħinu lill-Kuratur preżenti u li lesti li jissostitwixxu lill-Kuratur prinċipali jekk dan jgħid li ma jistax ikompli b'xogħlu.

Il-Kunsilliera David Abdilla u Dino Bonnici għandhom javviċinaw aġenziji oħra biex jgħinu f'aktar turiżmu fil-lokal.

Is-Sindku ser iressaq talba lir-Reġjun nofsinhar biex il-Kunsill jieħu fondi għal-tisbieh madwar il-mitħna u biex l-orkestra taż-Żurrieq tieħu sehem fl-attivitajiet ta' V18.

27.3.2 Fir-rigward tal-Minuti tas-Sotto Kumitat Anzjani, l-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk għall-mawra ta' Sqallija l-Kunsill ingħatax biljett bla ħlas. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din id-darba l-Kunsill ingħata żewġ biljetti bla ħlas ta' xejn li biehom marru l-Kunsillier inkarigat Rita Bellizzi u s-Sur Bellizzi bħala helper. Barra minhekk il-kumpanija Joe Micallef Travel tat lill-Kunsill €5 għal kull persuna li marret il-ġita. Tali somma laħqet €485.

27.3.4 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitati msemmija.

**27.4** ***Approvazzjoni tal-Minuti tar-Reġjun Nofsinhar***

27.4.1 Minuti tar-Reġjun Nofsinhar ġew approvati.

***27.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku***

27.5.1 Is-Sindku qal li l-attivitajiet li tella l-Kunsill għal Jum iż-Żurrieq reġgħu kienu suċċess u rringrazzja lill-Kunsilliera li għinu fl-attivitajiet.
Hu qal li kienet waħda mill-ewwel żjarat li għamlet l-Eċċ. President ta' Malta Marie-Louise Coleiro fil-lokalitajiet u fiż-Żurrieq preżentat l-unuri ta' ġieħ iż-Żurrieq.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li kull min ħa ġieh iż-Żurrieq jiġi ppubblikat ir-ritratt tiegħu fil-Kunsill News ħalli dawk li ma kienux preżenti jkunu jafu b'dawn in-nies li għamlu ġieh lir-raħal.

Is-Sindku faħħar ukoll l-attivita' ta' Festa Ħut li għalkemm it-temp ma kienx dak mixtieq, xorta irnexxiet.

Is-Sindkiu semma ukoll l-attivita' li saret fil-librerija tal-Kunsill fejn ir-Reġjun nofsinhar ta s-somma ta' €1,000 biex jinxtraw f'kotba u għamara għal-librerija. Hu żied jgħid li bl-għajnuna tal-Kunsillier Kevin Sam Farrugia l-Kunsill irnexxielu jixtri għamara bi prezz speċjali.

27.5.2 Is-Sindku ppropona li għall-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq li jmiss l-Kunsill ma jibqax jonfoq fondi f'marċ tal-banda minħabba li din mhux qed tkun rikonoxxuta. Hu żied jgħid li aħjar li l-Kunsill juża l-istess fondi f'affarijiet oħra utli għaż-Żurrieq. Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill preċedenti kien ħareġ b'ideja tajba li kull sena l-baned tar-raħal jagħmlu marċ għal Jum iż-Żurrieq, biex jipprova jgħaqqad lir-raħal, dan il-għan ma intlaħaqx għax il-piki xorta baqgħu. Hu qal li sa din is-sena stess waqt l-istess marċ kellu ilmenti minn partitarji opposti. Is-Sindku żied jgħid li hu u żewġ kunsilliera minn dan il-Kunsill, huma bbojkotjati ma' ċertu Soċjeta' fir-raħal u għall-okkażjoni fejn jistgħu jaqilgħu s-somma ta' €1000 jiġu u ma jibqgħux jibbojkotjaw. Hu qal li dan il-ġest ma jagħmilx sens.

Kien hemm qbil li din tkun l-aħħar okkażjoni f'Jum iż-Żurrieq, li banda għamlet marċ għal Jum iż-Żurrieq.

F'dan il-ħin daħlu l-Kunsilliera Rita Bellizzi u Dr Claudio Zammit. (ħin 19:10)

27.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ ittri mibgħutha mis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina,fejn:

- talbu lill-Kunsill permess għal-waqt il-festa tar-raħal minħabba li n-nar ser jerġa jinħaraq fi Vjal il-Blue Grotto, l-

Kunsill javża lill-bejjiegħa tal-monti biex ma jarmawx fl-4 ta' Settembru u biex il-Kunsill jagħti permess li jitpoġġa container li ser ikun fih biss ħadid fi Vjal il-Blue Grotto k/m Triq il-Qrendi.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti l-permessi meħtieġa imma jitlob li jsiru tabelli bid-direzzjonijiet ta' devjazzjoni tat-traffiku.

- Diżappunt li waqt it-tqegħid tal-fjuri u kuruni fuq il-monument ta' Santa Katarina VM f'Misraħ ir-Repubblika waqt Jum iż-Żurrieq, il-banda mistiedna ma daqqitx.

Il-Kunsill qabel li dan il-punt tqajjem aktar qabel waqt din l-istess seduta.

27.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt ir-riħ li sar fix-xahar ta' Mejju, saret ħsara kbira lil-paletti tal-Mitħna tax-Xarolla. Il-Kunsill ħareġ sejħa għal-kwotazzjonijiet u kienet biss l-MSD li bagħtet stima tax-xogħol li jammonta għall-€2,284.48. Tali ammont ser jiġi mħallas mill-kumpanija tal-insurance.
Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol meħtieġ.

27.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ressqet talba ta' residenti minn Triq il-Qroll li jixtiequ li jkollhom post fejn jistgħu jorbtu r-roti tagħhom fi Triq il-Qroll.

Ma kienx hemm qbil li l-Kunsill jagħmel strutturi għal residenti partikolari.

27.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba biex tlett bankijiet li jinsabu imkissra fi Triq Burlanġasa jiġi mibdula. Inġabru kwotazzjonijiet ta' bankijiet diversi. Kien hemm qbil li l-Kunsill jordna żewġ bankijiet bħal dawk li diġa installa fin-Nigret u f'Misraħ Mattia Preti li jammontaw għal €330 –il wieħed.

27.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet suġġeriment mingħand il-Kunsillier Vincent Marmara, biex isiru korsijiet taż-żfin fl-iskola taż-Żurrieq. Dawn il-korsijiet ser isiru taħt l-iskema *life long learning* imma jeħtieġ li titħallas is-somma ta' €1,466.50 għat-tul tal-kors kollu biex tali korsijiet isiru fl-iskola.

Ma kienx hemm qbi li l-Kunsill joħroġ fondi għal dan il-kors, imma jekk il-parteċipanti jkunu lesti li jħallsu l-ammont bejniethom, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li tali kors isir.

27.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet pjanti mill-Perit Cutajar li f'isem il-klijent tiegħu 'Six Bar' ta' Triq P P Saydon talab lill-Kunsill permess biex tali ħanut joħroġ imwejjed u siġġijjiet quddiem in-negozju

tiegħu, skont il-pjanta annessa. **Dok 2.**

Kien hemm qbil unanimu, ġaladarba ser jibqa aċċess għal dawk li jużaw il-bankina.

***27.6*** ***Kunsiderazzjoni u Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerta: PYF67/01/14***

27.6.1 F'din il-parti kien preżenti għas-seduta l-Perit tal-Kunsill William Lewis.

Wara diskussjoni twila bejn ċertu kunsilliera u l-perit fir-rigward tal-BOQ kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu linja gwida mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fuq jekk il-Kunsill jistax jiġġudika tender li tinqasam bejn kumpaniji differenti. Cioe x-xogħol tal-ġonna jittieħdu mill-kumpaniji li kkwotaw l-orħos għal ġnien partikolari u mhux tkun kumpanija waħda li tagħmel ix-xogħol fil-ġonna kollha għax l-ammont globali jkun l-orħos. B'hekk il-Kunsill ikun żgur li qed jieħu l-orħos ammont possibbli fuq ix-xogħol li jsir.

Kien hemm qbil li l-ewwel xogħol għandu jsir fi 'Ġnien it-tfal taż-Żurrieq' minħabba li hu l-aktar ġnien perikoluż. Imma dan il-punt ser jerġa jitqajjem f'seduta oħra.

***27.7*** ***DR67/02/14 – Collection of Mixed Household Waste from the Zurrieq Locality, in an Environmentally friendly manner***

27.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara l-aħħar seduta offerent kien għamel appell mal-Bord tal-Kuntratti u tali appel ma ġiex milqugħ. Għalhekk issa ser jingħata żmien sa l-ewwel ġurnata ta' Awwissu u jiġi iffirmat il-Kuntratt il-ġdid ta' 4 snin mal-Kuntrattur Gaetano Galea.

***27.8*** ***Gabbani għall-Festa tal-Madonna tal-Karmnu***

27.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għal din is-sena applikaw l-istess applikanti li kienu applikaw fi snin preċedenti għall-gabbani tal-festi minbarra wieħed li s-sena l-oħra rama b'rota tal-granita. Imma għal din is-sena żdiedu żewġ applikazzjonijiet ġodda. Wieħed gabbana tax-xorb u ieħor b'rota (*hawker*) tal-ġelat.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jirrifjuta li jżied gabbani minħabba n-nuqqas ta' spazju u jaċċetta lil-applikant tar-rota minħabba li hu *hawke*r.

27.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Vjal il-Blue

Grotto viċin Farell Bathroom Centre fetaħ ħanut tal-kafe u ikel u għalhekk żewġ gabbani li fi snin preċedenti kienu jarmaw quddiem tali sid ma jistgħux jibqgħu jarmaw hemm.
Kien hemm qbil li l-post numri 8 u 9 jibdew jarmaw fi Triq il-Qrendi quddiem il-bankijiet – faċċata tar-residenti.

Inġibdet l-attenzjoni li l-gabbani mhux qed iżommu mal-qies li kellhom u b'hekk mhux qed iħallu spazju għal dawk li jarmaw fl-aħħar ħinijiet.

Kien hemm qbil li fil-permess jinkiteb il-qies tal-posta li qed jingħata u jingħad li l-kejl ma għandux jinqabeż. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsilliera Pierre Farrugia u Kevin Sam Farrugia jmorru jimmarkaw fejn ġejjin il-posti.
Kien hemm qbil li l-wardens li ser ikunu xogħol dak inhar jingħataw id-dettalji kollha tas-sidien tal-gabbani, in-numri u l-qisien.

27.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid ta' gabbana li tgħid li fil-festa ta' Santa Katarina VM sid il gabbana ta' posta numru 2 fi Triq Dun Ġużepp Zammit m'għadux jopera fis-settur u lanqas m'għad għandu gabbana. L-ittra tgħid li tali posta qed tittieħed minn operatur ieħor mingħajr il-permessi meħtieġa. Min bagħat l-ittra talab li posta numru 2 tiġi assenjata lilu u hu jirrinunzja għal posta numru 15.

Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

27.8.4 Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia ppropona li fi żmien iż-żewġ festi tar-raħal Triq Dun Ġużepp Zammit man-naħa tar-residenti tkun 'no parking'.
Kien hemm qbil unanimu fuq dan u li l-ħinijiet għandhom ikunu mill-16:00 sa 2:00am mit-Tnejn sal-Ħadd tal-festi. Kien hemm qbil ukoll li l-wardens u l-pulizija għandhom ikunu avżati b'dan.

### *27.9 Proġett Gervase Matthew*

27.9.1 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għalkemm fil-prinċipju l-Kunsill, kien qabel mal-proġett ta' Triq Gervase Matthew li l-art vojta għandha tintalab biex issir garaxx kbir li jservi ta' store, multipurpose hall (li tintuża għal-laqgħat kbar, post fejn isiru korsijiet, post fejn isiru attivitajiet fuq palk), toilets, kitchenette u palk, u għalkemm saru l-ispejjeż ta' pjanti u tax-xogħol tal-perit, il-Kunsill għadu ma tax l-informazzjoni meħtieġa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u għadu ma applikax għall-permessi tal-Mepa.
Hu żied jgħid li l-applikazzjoni għall-permessi tal-Mepa huma stmati li jammontaw għal madwar €8,000. Hu qal li jekk il-Kunsill jasal biex

japplika biex iġib fondi mill-EU għall-proġett imsemmi, mhux ser ikun jista jekk ma jkollux id-devoluzzjoni tal-art u l-permessi tal-Mepa.

Il-Kunsillier Claudio Zammit qal li l-Kunsill jixraqlu proġett bħal dan u li sa minn Kunsill preċedenti tali proġett kien maħsub li jsir għalhekk saru l-pjanti meħtieġa. Hu żied jgħid li Kunsilli oħra talbu l-permess biex ikollhom ċentri simili u għamluhom.

Kien hemm qbil unanimu l-Kunsill għandu jipproċedi fuq dan il-proġett billi jitlob id-devoluzzjoni mid-DLG u japplika għall-permessi.

Kien hemm qbil ukoll li jekk il-Kunsill ma jirnexxilux jġib fondi mill-EU, jitlob lid-DLG permess biex ikun jista jieħu loan mill-bank u jibda dan il-proġett ftit ftit.

***27.10*** ***Ġita San Marino***

27.10.1 Il-Kunsillier Claudio Zammit qal li fis-seduta preċedenti, l-Kunsill kien qabel li jorganizza ġita għar-residenti Żrieraq f'San Marino – il-belt ġemellata maż-Żurrieq. Kif kien maqbul intalbu kwotazzjonijiet lill-aġenziji tal-ivjaġġar Maltin u l-unika aġenzija li offriet stima kienet E Travel għal-prezz ta' €700 kull persuna f'kamra doppja u €800 kull persuna f'kamra single. Dan il-prezz ma jinkludix l-excursions.

Il-Kunsillier Claudio Zammit qal li f'attivita' simili li kienet saret f'Kunsill preċedenti, kien ilu jaħdem fuqha madwar 6 xhur u ma jħossx li għal din il-ġita għandu żmien biżżejjed biex jorganizzha, meta tqis li anke l-aġenziji tal-ivjaġġar qed jarawha diffiċli u ftit li xejn irrispondew.

Kien hemm qbil fuq dan u kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinforma lill-Kunsill ta' Borgo Maggiore li għalkemm il-Kunsill taż-Żurrieq minħabba ċirkostanzi ma jistax jorganizza tali ġita, l-Kunsill lest li jilqa delegazzjoni minn Borgo Maggiore f'Malta.

***27.11*** **Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi**

27.11.1 Is-Sindku Ignatius Farrugia qal li ġie avviċinat minn familja minn Triq San Martin fejn talbet li jsiru *double yellow lines* quddiem il-garaxx tagħha minħabba li residenti oħra qed jostakolawlha l-garaxx. Hu ġie nfurmat li hemm xi tilwiem bejn il-ġirien u ma jħoss li l-Kunsill għandu jidħol fih.

Kien hemm qbil li r-resident jiġi nfurmat iwaħħal sticker mal-garaxx li tindika '*No parking garage in use'* u li ma jsirux linji sofor.

27.11.2 Is-Sindku qal li hu u l-Kunsillier Dino Bonnici ġew mistiedna miż-Żurrieq Wolves biex jippreżentaw trophies lill-parteċipanti tagħhom nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju, fit-8.30pm. Hu stieden lil Kunsilliera biex jattendu.

27.11.3 F'dan il-ħin is-Sindku u l-Kunsillier David Abdilla ħarġu mis-seduta (ħin 20:30) u kompliet tippresjedi s-seduta l-Viċi Sindku Rita Grima.

27.11.4 Il-Viċi Sindku Rita Grima rreferiet għall-ilment li l-Kunsill irċieva mingħand resident fi Triq San Pawl fejn hemm parti mit-triq bla wiċċ.

Kien hemm qbil li issir l-ordni għall-patching fit-triq imsemmija.

27.11.5 Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li għal waqt l-iSpring Fair li saret fil-ġonna ta' Sant Anton, ikkomunikat ma' Scicluna florist fejn Catherine Scicluna għamlet arranġament ta' qoffa bi frott u ħxejjex. Din il-qoffa saret bla ħlas.
Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb ittra ta' ringrazzjament lil sid il-ħanut.

27.11.6 Il-Kunsillier Rita Bellizzi qalet li l-mawra ta' Sqallija kienet suċċess fejn żaru Siracusa, Ortigia, s-Santwarju tal-Madonna tad-Dmugħ u l-parti l-antika tal-lokal.

27.11.7 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-lista li qed jirċievu l-Kunsilliera fuq xogħol li qed isir mill-ħaddiema tal-IPSL u tal-ETC assenjati mal-Kunsill mhux qed turi fejn qed isir ix-xogħol. Hu talab biex dan jibda jitniżżel. Kien hemm qbil fuq dan.

27.11.8 Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li ċertu patching fi trejqa fuq wara ta' Ġnien il-Ġibjun ma sarx għalkemm saret l-ordni għax-xogħol. Kien hemm qbil li il-Kuntrattur għandu jiġi mwissi li tali xogħol għandu jsir.

27.11.9 Il-Kunsillier Kevin Sam Farrugia qal li hemm bżonn li jsir traffic managment b'marki tat-toroq fi Triq il-Qrendi k/m Triq il-Ħaddiema. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol lill-Koptasin.

27.11.10 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-Kunsill għandux risposta fuq l-Outdoor gym li l-Kunsill talab li jsir fl-inħawi tal-Bebbux. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv. Kien hemm qbil li tintbagħat reminder.

27.11.11 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-Kunsill irċeviex talba biex issir il-maratona tal-football li ssiru kull sena. Is-Segretarju Eżekuttiv

wieġbet fin-negattiv.

**27.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

27.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala '**Dok 3** għall-ammont totali ta' **€69,652.37**

Konfermati, illum ___ ta' Lulju, 2014

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mil-Viċi Sindku Rita Grima u mil-Kunsilliera Dino Bonnici u Kevin Sam Farrugia

**27.13 Data tas-seduta li jmiss.**

27.13.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fid-9.15ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 30ta' Lulju, 2014, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**